KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 100

20 ta' Ġunju, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.42 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Margaret Said – Kunsilliera
Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 100**

100.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
100.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 99 – 8;
100.3 Tmiem tal-laqgħa u xoljiment tal-Kunsill.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-aħħar laqgħa ta' din il-legislatura wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

### 100.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

100.1.1 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm ittri ta' apoloġija u hu wieġeb li ma kienx hemm għaliex kemm il-Kunsilliera Cassar Sultana u l-Ambaxxatriċi kienu se jattendu. Is-Sindku qal li din hi laqgħa qasira ħafna u li ma setgħax jistenna.

### 100.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

100.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru. 99 – 8 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 100.3 Tmiem tal-laqgħa u xoljiment tal-Kunsill

100.3.1 Is-Sindku reġa rringrazzja kif kien għamel fl-aħħar laqgħa preċedenti lill-membri kollha u l-istaff tal-Kunsill għax-xogħol u l-koperazzjoni li kien hemm fil-Kunsill. Hu flimkien mall-Kunsillieri awguraw lill-Kunsill il-ġdid li ġie elett nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju 2019 wara li saret l-elezzjoni ta' nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2019 fejn fosthom hawn Kunsillieri preżenti li ġew mill-ġdid eletti u lil dawk ġodda li se jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2019 biex flimkien ikomplu jaħdmu għal ġid ta din il-lokalita'. Il-Kunsilliera Said xtaqet tirringrazzja lill-Kunsill kollu lis-Segretarju Eżekuttiv flimkien mall-istaff tal-ħidma f'din il-legislatura u talbet biex il-Kunsill elett il-ġdid jaħdem flimkien u jaħdem fuq il-prinċipju ta "aħna" u mhux "jien" biex b'hekk jkun wieħed inklussiv.

Din il-laqgħa ntemmet fis-1.45 p.m.

Konfermati, illum stess 20 ta' Ġunju 2019

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv